Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 91/17**
il-Lussemburgu, 6 ta' Settembru 2017

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawżi magħquda C-643/15 u C-647/15
Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikorsi tas-Slovakkja u tal-Ungerija kontra l-mekkaniżmu provviżorju ta' rilokazzjoni obbligatorja ta' applikanti għall-ażil

*Dan il-mekkaniżmu jikkontribwixxi effettivament u b'mod proporzjonat sabiex il-Greċja u l-Italja jkunu jistgħu jaffaċċjaw il-konsegwenzi tal-kriżi migratorja tal-2015*

B'reazzjoni għall-kriżi migratorja li laqtet l-Ewropa matul is-sajf tal-2015, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta deċiżjoni bil-għan li jgħin lill-Italja u lill-Greċja jaffaċċjaw dħul kbir ta' migranti. Din id-deċiżjoni tipprovdi għar-rilokazzjoni, minn dawn iż-żewġ Stati Membri u fuq perijodu ta' sentejn, ta' 120 000 persuna li manifestament jeħtieġu protezzjoni internazzjonali lejn l-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni.

Id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE, li jipprovdi li: "[f]'każ li Stat Membru wieħed jew iktar isibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' emerġenza karatterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju ta' l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i). Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew".

Is-Slovakkja u l-Ungerija, li, bl-istess mod bħar-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tar-Rumanija, ivvotaw kontra l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni fi ħdan il-Kunsill, talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannullaha billi invokaw, minn naħa, raġunijiet intiżi li juru li l-adozzjoni tagħha hija vvizzjata minn żbalji ta' natura proċedurali jew marbuta mal-għażla ta' bażi legali mhux adegwata u, min-naħa l-oħra, li din id-deċiżjoni ma kinitx adegwata sabiex tilqa' għall-kriżi migratorja u lanqas neċessarja għal dan l-għan.

Matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Polonja intervjeniet insostenn tas-Slovakkja u tal-Ungerija, filwaqt li l-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Isvezja u l-Kummissjoni intervjenew insostenn tal-Kunsill.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad fl-intier tagħhom ir-rikorsi ppreżentati mis-Slovakkja u mill-Ungerija**.

Qabel xejn, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-argument li kellha tiġi applikata l-proċedura leġiżlattiva peress li l-Artikolu 78(3) TFUE jipprevedi l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-adozzjoni ta' miżuri bbażati fuq din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-proċedura leġiżlattiva tista' tiġi applikata biss fil-każ li jsir riferiment espress għaliha f'dispożizzjoni tat-Trattati. L-Artikoli 78(3) TFUE ma jagħmel l-ebda riferiment espress għall-proċedura leġiżlattiva b'tali mod li d-deċiżjoni kkontestata **setgħet tiġi adottata fil-kuntest ta' proċedura mhux leġiżlattiva** u konsegwentement tikkostitwixxi att mhux leġiżlattiv.

Fl-istess kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Artikolu 78(3) TFUE jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni **jadottaw il-miżuri provviżorji neċessarji kollha sabiex jilqgħu** b'mod effettiv u malajr **għal sitwazzjoni ta' urġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' persuni spostati**. Dawn il-miżuri jistgħu ukoll jidderogaw minn atti leġiżlattivi bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom kemm ratione materiae kif ukoll ratione temporis ikun iddelimitat, u li la jkollhom l-għan u lanqas l-effett li jissostitwixxu jew li jemendaw tali att b'mod permanenti, liema kundizzjonijiet huma lkoll issodisfatti f'dan il-każ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika ukoll li, peress li d-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi att mhux leġiżlattiv, **l-adozzjoni tagħha ma kinitx suġġetta għar-rekwiżiti marbuta mal-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali u man-natura pubblika tad-deliberazzjonijiet u tal-voti fil-Kunsill** (peress li dawn ir-rekwiżiti huma applikabbli biss għal atti leġiżlattivi).

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-kamp ta' applikazzjoni ratione temporis tad-deċiżjoni kkontestata (jiġifieri mill-25 ta' Settembru 2015 sas-26 ta' Settembru 2017) huwa ddelimitat b'mod preċiż, b'tali mod li n-natura provviżorja tagħha ma tistax titpoġġa f'dubju.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015**, li l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu "b'kunsens" fuq id-distribuzzjoni tal-persuni li manifestament ikunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali "li tirrifletti s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri", **ma setgħux jipprekludu l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata**. Fil-fatt, dawn il-konklużjonijiet huma marbuta ma' proġett ieħor ta' rilokazzjoni intiż, b'reazzjoni għad-dħul ta' migranti kkonstata matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2015, sabiex jiddistribwixxi 40 000 persuna bejn l-Istati Membri. Dan il-proġett kien is-suġġett tad-Deċiżjoni 2015/1523 u mhux tad-deċiżjoni kkontestata f'dan il-każ. Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li l-Kunsill Ewropew fl-ebda każ ma jista' jemenda r-regoli dwar il-vot previsti mit-Trattati.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, minkejja li saru emendi sostanzjali għall-proposta tad-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk intiżi li jimplementaw it-talba tal-Ungerija li hija ma għandhiex tkun inkluża fil-lista tal-Istati Membri li jibbenefikaw mill-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni u li jikklassifikaw lil dan il-pajjiż bħala Stat Membru ta' rilokazzjoni, **il-Parlament ġie debitament informat b'dawn l-emendi qabel l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2015**, fatt li kien jippermettilu jieħu dan kollu inkunsiderazzjoni f'dik ir-riżoluzzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-emendi l-oħra li ġew introdotti wara din id-data ma kellhom l-ebda effett fuq is-sustanza proprja tal-proposta tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-Kunsill ma kienx obbligat jadotta d-deċiżjoni kkontestata b'unanimità** anki jekk, bil-għan li jadotta l-emendi ċċitati iktar 'il fuq, huwa kellu jvarja mill-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-proposta emendata ġiet approvata mill-Kummissjoni permezz tal-intervent ta' tnejn mill-membri tagħha li kienu awtorizzati mill-kulleġġ għal dan l-għan.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni previst mid-deċiżjoni kkontestata **ma jikkostitwixxix miżura manifestament inadegwata sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan tiegħu**, jiġifieri li jgħin lill-Greċja u lill-Italja jaffaċċjaw il-konsegwenzi tal-kriżi migratorja tal-2015.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-validità tad-deċiżjoni ma tistax titpoġġa f'dubju abbażi ta' evalwazzjonijiet retrospettivi li jikkonċernaw il-livell ta' effikaċja tagħha**. Fil-fatt, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni ikollu jevalwa l-effetti futuri ta' leġiżlazzjoni ġdida, l-evalwazzjoni tiegħu tista' titpoġġa f'dubju biss jekk din tkun tidher manifestament żbaljata fid-dawl ta' elementi li huwa kellu għad-dispożizzjoni tiegħu fil-mument tal-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni. Din ma hijiex is-sitwazzjoni fil-każ ineżami, peress li l-Kunsill, abbażi ta' eżami ddettaljat tad-data statistika disponibbli f'dak il-mument, wettaq analiżi oġġettiv tal-effetti tal-miżura inkonnessjoni mas-sitwazzjoni ta' urġenza inkwistjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva b'mod partikolari li n-numru mhux għoli ħafna ta' rilokazzjonijiet li twettqu sal-lum b'applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata jista' jispjega ruħu minn għadd ta' elementi li l-Kunsill ma setgħax jipprevedi fil-mument tal-adozzjoni ta' din tal-aħħar, fosthom, b'mod partikolari, **in-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' ċerti Stati Membri**.

Fl-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Kunsill ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni meta qies li **l-għan segwit mid-deċiżjoni kkontestata ma setgħax jintlaħaq b'miżuri inqas restrittivi. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Kunsill ma eċċediex il-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' tiegħu meta qies li** l-mekkaniżmu previst mid-Deċiżjoni 2015/1523, li kien jipprevedi diġà li

jirriloka, fuq bażi volontarja, 40 000 persuna, ma kienx suffiċjenti sabiex jiġi affaċċjat dħul bla preċedent ta' migranti li seħħ matul ix-xhur ta' Lulju u ta' Awwissu tas-sena 2015.

---

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż li jannulla atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jkunu kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata jkollha tindirizza l-vojt legali possibbilment maħluq permezz tal-annullament tal-att.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" (+32) 2 2964106*